*-impunjazzjoni ta' ntaxxar ta' dritt tal-perit tekniku*

*-f'liema stadju tista' ssir*

*-Art 64, 666(3), 667, 672 tal-Kap 12*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 31 t'Ottubru, 2019.**

**Digriet mogħti bil-miftuħ**

**Rikors Kost. Nru. 31/19 GM**

**Lorenza Vincenza sive Lora Zarb ID419355M**

**vs**

**Carmelo sive Charles Caruana ID413853M u Rita Agius ID637857M u Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 ħatret lill-Perit Elena Borg Costanzi bħala perit tekniku;

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2019 ir-rikorrenti ingħatat kopja tal-kont tar-rapport tal-istess Perit;

Rat it-taxxa tal-ispejjeż u drittijiet tal-perit tekniku maħruġa mir-Registratur fit-30 t'April 2019 li għandhom jitħallsu proviżorjament mir-rikorrenti;

Rat in-Nota tal-rikorrenti tat-2 ta' Lulju 2019[1] li permezz tagħha spjegat li ma ħallsitx ir-rapport għax ir-rapport ġie vvalutat fuq il-valur tan-nuda proprjeta` minflok fuq il-valur tal-lokazzjoni;

Rat li waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulju 2019 il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Ta' Kella Limited v L-Arkitett u Inġinier Ċivili Godwin P. Abela**[2] u stiednet lir-rikorrenti tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat li b'aderenza għall-imsemmi verbal, ir-rikorrenti ppreżentat nota t'osservazzjonijiet fil-15 ta' Lulju 2019;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qiegħdha tattakka t-taxxa *de quo* qabel ma l-perit tekniku ħalfet ir-rapport tagħha. Skont **Art. 667**, waqt li tkun miexja l-kawża, jista' jsir appell lill-Qorti li tkun ħatret il-perit minn taxxa dwar rapport peritali permezz ta' nota "**<u>fi żmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672</u> jew, fil-każ li l-periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f'dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża ikunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir-reġistratur.**" **L-Art. 672** jirreferi għall-jum li fih il-perit jidher il-Qorti fil-ġurnata mogħtija għall-pubblikazzjoni tar-rapport;

---

[1] Fol 44

[2] deċiża fis-27.05.2016 mill-Qorti tal-Appell komposta minn S.T.O Silvio Camilleri, Onor. Tonio Mallia, u Onor. Joseph Azzopardi

Illi skont l-**Art. 666**, qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport, il-Perit irid jippreżenta r-rapport miftuh lir-Reġistratur biex dan jintaxxah u "**(2) Il-perit, bla ħsara ta' fejn il-liġi tgħid xort'oħra, ma huwiex obbligat li jippubblika r-rapport tiegħu sakemm id-dritt intaxxat mir-reġistratur ma jkunx ġie mħallas lilu jew imqiegħed f'idejn ir-reġistratur, u r-reġistratur ma jista' jikkomunika lil ħadd ebda parti tar-rapport, sakemm ma jkunx sar il-ħlas jew id-depożitu fuq imsemmi, taħt piena li jħallas lill-perit id-dritt li jmiss lilu".** Huwa biss wara li jsir dan il-ħlas jew depożitu, li r-reġistratur idaħħal ir-rapport fl-atti tal-kawża (**Art. 666(3));**

Illi f'dan il-każ, il-perit tekniku ma ġietx awtorizzata, li taħlef ir-rapport tagħha fir-reġistru, u filfatt sallum għadha ma ħalfitux billi għadha ma tħallsitx. Ir-rikorrenti għalhekk ressqet in-Nota tagħha biex tattakka t-taxxa qabel ma r-rapport ġie ppubblikat. **Il-Qorti tifhem li n-nota tal-appell biex tiġi impunjata taxxa bħal din tista' tiġi ppreżentata biss wara li r-rapport jiġi ppubblikat, u mhux qabel.** Fil-fehma tal-Qorti, meta l-liġi tgħid "**fi żmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672"** tfisser perjodu ta' tmint ijiem li jibda mill-jum in kwistjoni, u mhux min-notifika tat-taxxa. Dan peress illi qabel ma r-rapport jiġi mħallas, il-liġi tagħmilha ċara ħafna li r-rapport **lanqas biss ikun parti mill-atti tal-kawża.** Ikun kontro-sens li, fl-atti tal-kawża, jimpunja xi ħaġa li tkun barra mill-istess atti tal-kawża: hawn żgur huwa l-każ li tapplika l-aforiżma *quod non est in actis, non est in mundo*;

Illi biex waslet għal din il-konklużjoni, din il-Qorti mhix qiegħdha tistrieħ fuq l-awtorita` tagħha stess imma għandha l-konfort tal-pronunzjament kemm tal-prim'istanza kif ukoll tal-Onorabbli Qorti tal-Appell in re: **Ta' Kella v Abela** suċċitata. F'dik il-kawża, l-istess bħalma ġara f'din il-proċedura, ġiet ippreżentata, s'intendi fl-istadju tal-prim'istanza, Nota biex tiġi mpunjata taxxa ta' rapport tal-perit tekniku li kien għadu mhux ippubblikat. Il-Prim'Awla jidher li qablet mas-sottomissjoni tal-Perit Tekniku li t-terminu jibda jgħaddi mid-data

tal-pubblikazzjoni, għalkemm imbagħad ma qablitx li din l-irritwalita` kellha twassal għan-nullita` tal-Att in kwistjoni:

> "7. Il-Perit Abela jgħid ukoll illi, ukoll jekk it-talba titqies li saret sew taħt l-art. 667, saret qabel ma beda jgħaddi ż- żmien ta' tmint ijiem mogħti f'dak l-artikolu, li jgħid illi t- talba ssir "fi żmien tmint ijiem mill-jum imsemmi fl-artikolu 672 [il-jum tal-pubblikazzjoni tar-rapport] jew, fil-każ li l- periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru kif imsemmi f'dak l-artikolu, mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża jkunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir- reġistratur".
>
> "8. Tassew illi kien jagħmel aktar sens li kieku t-talba saret wara li r-rapport kien pubblikat, billi huwa diffiċli tifhem kif ir-rikorrenti setgħet tattakka t-taxxa ta' relazzjoni qabel ma kienet taf x'fiha dik ir-relazzjoni. Madankollu, il-fatt illi t-talba saret qabel iż-żmien ma huwiex waħda mir-raġunijiet taħt l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għala t-talba titqies li ma tiswiex. F'kull każ, ir-rapport issa ġie pubblikat u kull nuqqas issewwa bis-saħħa tal-*ius superveniens*";

Illi l-Qorti tal-Appell ma qablitx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti. Hija sabet li l-proċedura addottata mill-Ewwel Qorti kienet fil-fatt dik ikkontemplata fl-Artiklu 64, fejn iż-żmien jibda' jgħodd minn dakinhar li tinħareġ it-taxxa – u mhux minn meta jiġi ppubblikat ir-rapport:

> "Kwindi anke l-Qorti mexxiet il-kaz a bazi tal-Artikolu 64 in kwantu ghall-proċedura. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-appellant illi anke l-istess fatt li l-ligi taghmel distinzjoni ċara u sostanzjali bejn it-termini li applikabbli taħt iz-żewġ artikoli huwa indikazzjoni tad-distinzjoni netta bejn iz-żewġ sitwazzjonijiet u r-rimedji li tindika l-istess liġi. Il-Qorti żżid tghid **li kieku tħalli li parti tattakka tassazzjoni ta' perit tekniku skont l-Artikolu 64 tkun qed tistultifika l-provvediment li jipproteġi lill-istess perit (biex taċċerta li jitħallas[3])** billi ma tobligaħx jiżvela l-kontenut tar-rapport qabel ma jitħallas. (Artikolu 666 (2) tal-Kap. 12).
>
> "Hu biżżejjed maghruf illi:
>
> "*trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens.*" ( (Vol

[3] enfasi miżjuda minn din il-Qorti

XVIII.i.879; Vol XLIX.i.421).

> "Din mhix kwestjoni ta' legalizmu jew formaliżmu żejjed. Hi *invece* kwestjoni ta' applikabilita` o meno ta' norma proċedurali speċjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati oħra qabilha, illi "waqt li l-formaliżmu eċċessiv għandu jiġi evitat m'ghandux lanqas pero` jidħol jew jiġi inkoraġġit permessivizmu inġustifikat" Vol XXXII.i.712; Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et, Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973";

Illi għalhekk in-nota tar-rikorrenti ġiet ippreżentata intempestivament u din il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tagħha qabel ma l-Perit Tekniku titħallas; anke jekk il-ħlas isir taħt riżerva inkella jsir depożitu għand ir-reġistratur bla ħsara għad-dritt tar-rikorrenti li timpunja t-taxxa. Naturalment f'dan l-istadju l-Qorti mhix sejra tidħol fil-mertu tas-siwi tat-taxxa, li sejra tħalli impreġudikat;

Illi din il-Qorti tista' tieqaf hawn iżda tħoss li għandha żżid, *otiber,* dan l-kumment: fil-każ li l-periti jkunu ġew iddispensati milli jidhru kif imsemmi fl-artiklu 672 (li mhux il-każ f'din il-proċedura), it-terminu jibda jgħaddi "mill-jum li fih il-periti jew il-partijiet fil-kawża ikunu ġew imgħarrfin bit-taxxa b'ittra mingħand ir-reġistratur" – u allura anke qabel ma r-rapport ikun ġie ppubblikat. Din id-disposizzjoni tista' toħloq proprju anomalija kkontemplata mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni msemmija. Ikun iktar għaqli kieku t-terminu jibda jgħaddi, almenu għall-partijiet fil-kawża, ukoll f'dan il-każ, minn meta l-perit jaħlef ir-rapport tiegħu u r-rapport jiġi notifikat lilhom;

Spejjeż ta' dan il-provvediment a kariku tar-rikorrenti.

Moqri.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA